It is hereby notified that the Civil Court (Family Section) by means of a decree on the 30th August 2006, in the records of the Sworn Application number 91/06 JA, in the names Renoo Abela (ID 25775A) vs Joseph Abela (ID 15270M) ordered the following publication for the purpose of service of the respondent in terms of Article 187(3) of Cap. 12.

By means of a Sworn Application filed in the Civil Court (Family Section) on the 13th March 2006, in the names Renoo Abela (ID 2577A) vs Joseph Abela (ID 15270M) the applicant Renoo Abela pleaded with respect and confirmed under oath;

1. That the parties were married on the 22nd February 2003, as results from the certificate of marriage attached Doc 'A';

2. That the consent of the parties was vitiated by a defect of discretion of judgement on married life or on its essential rights and duties;

3. Illi l-kunsens tal-partijiet kien vizzjat bl-esklużjoni pożittiva taż-żwieġ innifsu jew wieħed jew aktar mill-elementi essenzjali taż-żwieġ;

4. Illi l-kunsens tal-partijiet kien vizzjat billi ssoġġettaw tali kunsens għall-kundizzjoni li tirreferi għall-futur.

5. Illi għalhekk l-imsemmi żwieġ hu null u bla effett ai termini ta' l-artikolu 19(1) (ċ); 19 (1) (D) u 19 (1) (f) ta' l-Att taż-Żwieġ Kapitolu 255 tal-Liġijiet ta' Malta.

L-esponenti għalhekk jitlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex;

(1) tiddikjara li ż-żwieġ kkuntrattat bejn il-kontendenti fit-22 ta' Frar 2003 hu null u mingħajr effett għall-finijiet u effetti kollha tal-liġi.

Bl-ispejjeż kontra l-konvenut u bl-inġunzjoni tal-konvenut għas-subizzjoni.

Xhieda.

Dokumenti.

Intimat: 27/2, Riccardo Taylor Street, Bormla.

B' Avviż għas-smigħ ta' kawża maħruġ mir-Reġistru tal-Qrati Superjuri, it-Tnejn 24 ta' April 2006, il-kawża Ċitazzjoni Numru 91/2006 JA, fl-ismijiet Abela Renoo vs Abela Joseph, ġiet imqiegħda fil-lista tal-kawżi li għandhom jinstemgħu l-Ġimgħa 2 ta' Ġunju 2006, Awla 23, fl-11.45 a.m.

B' ordni tal-Qorti ta' l-20 ta' Ottubru 2006, ir-Rikors hawn fuq imsemmi ġie differit għan-notifika tal-konvenut għad-19 ta' Jannar 2007, fl-9.45 a.m.

Reġistru tal-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) illum 20 ta' Novembru 2006.

AVV. DOTT. FRANK PORTELLI, LL.D.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

3. That the consent of the parties was vitiated by a positive exclusion of marriage itself or one or more of the essential elements of marriage;

4. That the consent of the parties was vitiated as they subjected the said consent to a condition which refers to the future.

5. That thus the said marriage is null and without effect in terms of article 19(1) (c); 19(1) (D) and 19(1) (f) of the Marriage Act Chapter 255 of the Laws of Malta.

The applicant thus asks this Honourable Court so that;

(1) it declares that the marriage contracted between the parties on the 22nd February 2003 is null and without effect for all intents and purposes of law.

With costs against the defendant who is summoned so that a reference to his oath be made.

Witnesses.

Documents.

Respondent: 27/2, Riccardo Taylor Street, Bormla.

By a Notice of hearing of a cause issued by the Registry Superior Courts, on Monday 24th April 2006, the case Writ of Summons Number 91/2006 JA, in the names Abela Renoo vs Abela Joseph has been entered in the list of causes which are to be heard on Friday 2nd June 2006, Hall 23, at 11.45 a.m.

By order of the Court of the 20th October 2006, the Application above mentioned was put off for the service of the defendant to the 19th January 2007, at 9.45 a.m.

Registry of the Civil Courts (Family Section) today 20th November 2006.

ADV. DR. FRANK PORTELLI, LL.D.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1754

Ikun jaf kulhadd illi b'digriet tat-Tribunal għal Talbiet Żgħar, tat-23 ta' Ottubru 2006, ġiet ordnata l-pubblikazzjoni ta' l-estratt li jidher hawn taħt għall-finijiet ta' notifika skond l-Artikolu 187(3) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

Mobisle Communications Limited (C24655) ta' Fra Diego Street, Marsa, ippreżentaw Talba fit-28 ta' Lulju 2006, fejn talbu lit-Tribunal sabiex jikkundanna lil Edward Sammut ta' 33, Triq Xandru, Bormla, sabiex iħallas lis-soċjetà attriċi s-somma ta' mija u erbgħa u ħamsin lira Maltija u tlieta u għoxrin ċenteżmu (Lm154.23) liema ammont huwa dovut lis-soċjetà attriċi.

It is hereby notified that by a decree of the Small Claims Tribunal of 23rd October 2006, the publication of the following extract was ordered for the purpose of service in terms of Article 187(3) of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12).

Mobisle Communications Limited (C24655) of Fra Diego Street, Marsa filed a Claim on the 28th July 2006 whereby they asked the Tribunal to condemn Edward Sammut of 33, Triq Xandru, Bormla, to pay the plaintiff company the sum of one hundred and fifty four Maltese liri and twenty three cents (Lm154.23) which amount is due to the plaintiff company.

Bl-ispejjeż u bl-imgħaxijiet.

Il-kawża (697/06DC hija differita għall-4 ta' Diċembru 2006 fin-12.30 p.m.

Reġistru tal-Qorti Maġistrati (Malta) illum 20 ta' Novembru 2006.

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

With costs and interests.

The case (Claim Number 697/06DC) is put off on the 4th December 2006 at 12.30 p.m.

Registry of the Courts of Magistrates (Malta) today 20th November 2006.

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1755

Ikun jaf kulħadd illi l-Qorti ta' l-Appell permezz ta' digriet mogħti, fis-27 ta' Ottubru 2006, fl-atti taċ-Ċitazzjoni Numru 1331/00NC, fl-ismijiet Emmanuel Portelli vs Korporazzjoni Enemalta, ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront ta' l-intimat a tenur ta' l-Artikolu 187(3) tal-Kap. 12.

Permezz ta' Rikors ippreżentat fil-Qorti ta' l-Appell, Ċitazzjoni Numru 1331/00NC, fl-ismijiet Emmanuel Portelli vs Korporazzjoni Enemalta, fis-17 ta' Novembru 2005, ir-Rikorrenti Korporazzjoni Enemalta, esponiet bir-rispett:

1. Illi permezz ta' ċitazzjoni wara li l-attur premetta illi:

'Peress illi in forza ta' skrittura datata 17 ta' Marzu 1997, l-attur ingħata mingħand il-Korporazzjoni konvenuta b'lokazzjoni l-operazzjoni tal-Canteen tal-Power Station, tal-Marsa għal perjodu ta' ħames snin u cioè mis-17 ta' Marzu 1997 sas-16 ta' Marzu 2002, kopja ta' liema ftehim hija hawn annessa u mmarkata Dokument 'A';

Peress illi fl-aħħar ta' Diċembru 1999, kien ġie a konjizzjoni ta' l-attur illi l-Korporazzjoni konvenuta kienet ħarġet sejħa pubblika għall-offerti għall-kiri ta' l-istess Canteen fuq imsemmija u dan ad insaputa ta' l-attur u meta l-iskrittura fuq imsemmija kienet għadha veljanti bejn il-partijiet - fotokopja ta' l-avviż hija hawn annessa u mmarkata Dokument 'B';

Peress illi l-attur, permezz ta' ittra legali datata 11 ta' Jannar 2000, kien kiteb lill-Korporazzjoni konvenuta, fejn talab informazzjoni ulterjuri in vista ta' dan il-ħruġ tas-sejħa għall-offerti; …Omissis…

Peress illi b'ittra responsiva ta' l-attur datata 25 ta' Jannar 2000, li kopja tagħha hija hawn annessa u mmarkata Dokument E, l-attur ikkontesta l-pretensjonijiet tal-Korporazzjoni bħala nfondati fil-fatt u fid-dritt…Omissis…

Peress illi fis-27 ta' April 2000, l-attur ingħata ittra bl-idejn, fost l-oħrajn ġie infurmat illi l-Korporazzjoni Enemalta kienet qed tittermina l-kuntratt ta' lokazzjoni b'effett immedjat;

It is hereby notified that the Court of Appeal by means of a decree given on the 27th October 2006, in the records of the Writ of Summons Number 1331/00NC, in the names Emmanuel Portelli, vs Enemalta Corporation, ordered the following publication for the purpose of service of the respondent in terms of Article 187(3) of Cap. 12.

By means of an Application filed in the Court of Appeal, Writ of Summons Number 1331/00 NC, in the names Emmanuel Portelli vs Enemalta Corporation, on the 17th November 2005, the Applicant Enemalta Corporation pleaded with respect;

1. That by means of a writ of summons after the plaintiff premised that:

'Whereas in virtue of a writing dated 17th March 1997, the plaintiff was granted by the defendant Corporation by title of lease the operation of the Canteen of the Marsa Power Station for the period of five years and that is from the 17th March 1997 to the 16th March 2002, a copy of which agreement is hereby attached and marked Document 'A';

Whereas towards the end of December 1999, it was brought to the notice of the plaintiff that the defendant Corporation had issued a public call for the lease of the same Canteen above mentioned and this without the knowledge of the plaintiff and when the writing above mentioned was still valid between the parties – a photocopy of the notice is hereby attached and marked Document 'B';

Whereas the plaintiff, by means of a legal letter dated 11th January 2000, had written to the defendant Corporation, whereby he asked further information, in view of the issue of a call for offers;…Omissis…

Whereas by a letter of reply dated 25th January 2000 a copy of which is hereby attached and marked Document E, the plaintiff contested the claims of the Corporations as unfounded in fact and at law…Omissis…

Whereas the on the 27th April 2000, the plaintiff was given a letter by hand, whereby amongst others he was informed that the Enemalta Corporation had terminated the lease agreement with immediate effect;

…Omissis…

Peress illi l-attur jikkontesta l-allegazzjonijiet kontenuti fl-istess ittra, tal-Korporazzjoni konvenuta bħala infondata fil-fatt u fid-dritt kif se jiġi ppruvat aħjar waqt it-trazzjoni tal-kawża;

Peress illi fit-28 ta' April, filgħodu, wara illi l-Corporate Services Manager tal-Korporazzjoni Joseph Cutajar, informa lill-impjegat ta' l-attur, ċertu Keith Grima, illi kienu se jinbiddlu s-serraturi tal-Canteen dak inhar stess, impjegati ta' l-istess Korporazzjoni illegalment u abbużivament u mingħajr ebda raġuni valida fil-liġi sgassaw is-serraturi tal-Canteen u biddluhom;…Omissis…

Peress illi fil-fond tal-Canteen tal-Power Station tal-Marsa għad hemm diversi oġġetti konsistenti f'apparat tal-kċina u oġġetti ta' l-ikel appartenenti lill-istess attur;

Peress illi, wara li l-attur ġie spussessat mit-tmexxija tal-Canteen tal-Power Station tal-Marsa, it-tmexxija ta' l-istess Canteen ngħatat mill-istess Korporazzjoni konvenuta f'idejn ċertu Paul Grima;

Peress illi dan l-aġir illegali u abbużiv da parti tal-Korporazzjoni konvenuta jikkostitwixxi spoll privileġġjat bi preġudizzju serju għall-attur;

Peress illi l-Korporazzjoni konvenuta għalkemm interpellata biex terġa' tirrentegra lill-attur fil-pussess tal-Canteen tal-Power Station tal-Marsa ,…Omissis…

baqgħet inadempjenti…Omissis…

talab il-Korporazzjoni konvenuta tgħid għaliex din l-Onorabbli Qorti m'għandhiex:

1. Tiddikjara illi l-Korporazzjoni konvenuta bit-tibdil tas-serraturi tal-Canteen tal-Power Station tal-Marza u bil-fatt illi effettivament spussessat lill-attur mill-pussess ta' l-istess Canteen fit-28 ta' April 2000, ikkommettiet spoll għad-detriment ta' l-attur;

2. Tikkundanna lill-istess Korporazzjoni konvenuta biex fi żmien qasir u perentorju li jiġi lilha prefiss tirrentegra lill-attur fil-pussess sħiħ u effettiv ta' l-istess Canteen tal-Power Station tal-Marsa, taħt dawk il-modalitajiet li dina l-Onorabbli Qorti jidhrilha xierqa u opportuni;

3. U fin-nuqqas li l-istess Korporazzjoni konvenuta tagħmel dak ordnat minn dina l-Onorabbli Qorti fiż-żmien prefiss, tawtorizza lill-attur sabiex dak kollu li hu neċessarju, a spejjeż tal-Korporazzjoni konvenuta, …Omissis…

Bl-ispejjeż, omissis…kontra l-Korporazzjoni konvenuta li hija inġunta minn issa għas-subizzjoni. …Omissis…

…Omissis…

Whereas the plaintiff contested the allegations contained in the same letter of the defendant Corporation as unfounded in fact and at law as shall proved during the hearing of the case;

Whereas on the 28th April in the morning after the Corporate Services Manager of the Corporation Joseph Cutajar informed the employee, of the plaintiff, a certain Keith Grima, that the locks of the Canteen were going to be changed on that day; employees of the Corporation illegally and abusively and without any valid reason at law, forced open the locks of the Canteen and changed them;…Omissis…

Whereas in the premises of the Canteen of the Marsa Power Station there are various objects consisting in kitchen apparatus and food objects belonging to the plaintiff;

Whereas after the plaintiff was dispossessed of operating the Canteen of the Marsa Power Station, the running of the same Canteen, was given by the same Corporation to a certain Paul Grima;

Whereas this illegal and abusive behaviour on the part of the defendant Corporation constitutes a privileged spoliation with serious prejudice to the plaintiff;

Whereas the defendant Corporation although called upon to reintegrate the plaintiff in the possession of the Canteen of the Marsa Power Station…Omissis…

they remained in default…Omissis…

he asked the defendant Corporation to state why this Honourable Court should not:

1. Declare that the defendant Corporation with the change of the locks of the Canteen of the Marsa Power Station and of the fact that effectively dispossessed the plaintiff from the possession of the same Canteen on the 28th April 2000, it committed a spoliation to the detriment of the plaintiff;

2. Condemn the same defendant Corporation so that within a short and peremptory period that shall be fixed to it reintegrates the plaintiff in the complete and effective possession of the same Canteen of the Marsa Power Station under those modalities that this Honourable Court deems fit and opportune;

3. And failing which the same defendant Corporation carries out that ordered by this Honourable Court, within the time fixed, authorize the plaintiff so that it carries out all that is necessary, at the expense of the defendant Corporation,…Omissis…

With costs,…omissis…against the defendant Corporation who is from now summoned so that a reference to its evidence be made…Omissis…

2. Illi l-Korporazzjoni appellanti ippreżentat nota ta' eċċezzjonijiet fejn eċċepiet l-azzjoni attriċi hija assolutament infondata sew fil-fatt kif ukoll fid-dritt…Omissis…

3. Illi l-fatti tal-każ huma s-segwenti:

3.1. Illi permezz ta' skrittura privata datata 17 ta' Marzu 1997, ġie konċess in lokazzjoni lill-attur il-Canteen tal-Marsa Power Station, għal żmien ħames snin;

3.2. Illi skond klawsola 14 ta' l-istess ftehim il-Korporazzjoni appellanti żammet id-dritt li tittermina l-ftehim għar-raġunijiet indikati fl-istess klawsola, wara li tkun avżat lill-attur appellat bil-miktub kif stipulat fl-istess klawsola 14;

3.3. Illi maż-żmien il-Korporazzjoni appellanti ma kinetx sodisfatta bis-servizz li kien qed jagħti l-attur appellat, anke għaliex kien inadempjenti fl-obbligu tiegħu tal-ħlas tal-kera;

3.4. Illi għalhekk il-Korporazzjoni appellanti ddeċidiet li ttermina l-ftehim lokatizju tas-17 ta' Marzu 1997, ai termini ta' klawsola 14 ta' l-istess ftehim;…Omissis…

3.5. Illi minkejja li l-Korporazzjoni appellanti għamlitha ċara lill-attur appellat li l-ftehim kien terminat u allura minn dak il-mument l-attur appellat ma kellu ebda dritt għall-pussess jew okkupazzjoni tal-Canteen, l-attur sfida lil Korporazzjoni u sa l-għada, 28 ta' April 2000, baqgħa ġol-Canteen;

…Omissis…

3.9. Illi fit-28 ta' April 2000, il-Korporazzjoni appellanti ma kellhiex triq oħra ħlief li tisgassa l-bieb tal-Canteen u biddlet is-serratura. Peress li l-attur ma kellux aktar il-pussess tal-Canteen u lanqas ma kellu ebda dritt fuq l-istess Canteen il-Korporazzjoni appellanti ma tatux ċavetta għas-serratura l-ġdida;

…Omissis…

4. Illi permezz ta' sentenza tat-28 ta' Ottubru 2005, il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili laqgħet it-talbiet ta' l-attur appellat kif dedotti bl-ispejjeż kontra l-konvenut, u għal fini tat-tieni talba, ipprefiġġiet terminu ta' xahrejn għar-reintegrazzjoni ta' l-attur fil-pussess tal-fond in kwistjoni;

5. Illi l-appellanti tħossha aggravata minn din is-sentenza u għalhekk qiegħda tinterponi minnha umli appell;

6. Illi l-aggravju huwa ċar u manifest u jikkonsisti fis-segwenti;

6.1. Illi din hija kawża ta' spoll privileġġjat li permezz

2. That the appellant Corporation filed a note of pleas whereby it pleaded that the plaintiff's action is absolutely unfounded in fact and at law…Omissis…

3. That the facts of the case are the following:

3.1. That by means of a private writing dated 17th March 1997, it was granted by title of lease to the plaintiff the Canteen of the Marsa Power Station for a period of five years;

3.2. That according to clause 14 of the same agreement the appellant Corporation retained the right to terminate the agreement for the reasons indicated in the same clause, after notifying the respondent plaintiff, in writing as stipulated in the same clause 14;

3.3. That with the passage of time, the appellant Corporation was not satisfied with the service that the respondent plaintiff was giving, even because he failed in his obligation of the payment of rent;

3.4. That thus the appellant Corporation decided to terminate the lease agreement of the 17th March 1997 in terms of clause 14 of the same agreement; …Omissis…

3.5. That although the appellant Corporation made it clear to the respondent plaintiff that the agreement was terminated and thus from that moment the respondent plaintiff had no right to the possession or occupation of the Canteen, the plaintiff challenged the Corporation and till the morrow, the 28th April 2000, remained in the Canteen;

…Omissis…

3.9. That on the 28th April 2000, the appellant Corporation had no other choice by to force in, the Canteen door and change the lock. Whereas the plaintiff no longer had the possession of the Canteen and did not have any right on the same Canteen the appellant Corporation, did not give him the key of the new lock;

…Omissis…

4. That by means of a judgement of the 28th October 2005 the First Hall of the Civil Court upheld the demands of the respondent plaintiff as brought forward, with costs against the defendant and for the purposes of the second demand fixed a term of two months so that the plaintiff be reintegrated in possession of the premises in question;

5. That the appellants feels aggrieved by this judgement and is thus humbly filing an appeal therefrom;

6. That the grievance is clear and manifest and consists in the following;

6.1. That is is a case of a privileged spoiliation in virtue of

tagħha l-attur qed jippretendi li jiġi reintegrat fil-pussess tal-Canteen tal-Power Station tal-Marsa; ….Omissis…

6.2. Illi huwa ormaj ben stabbilit fil-ġurisprudenza nostrana li f'kawżi bħal din jeħtieġu minbarra li l-kawża trid issir fi żmien xahrejn mill-att spoljattiv, żewġ elementi essenzjali, il-fatt tal-pussess u l-fatt ta' l-ispoll;

6.3 Illi mill-elementi ta' fatt suesposti u mill-kumpless tal-provi prodotti joħroġ ċar li l-attur naqas li jipprova l-element bażilari tal-pussess possedisse li t-turbament tiegħu jipprovoka l-azzjoni ta' spoll privileġġjat, u bir-rispett kollu l-Ewwel Onorabbli Qorti naqset li tikkunsidera dan in-nuqqas fatali għal azzjoni attriċi;

6.4. Illi fl-umli fehma ta' l-esponenti l-Ewwel Onorabbli Qorti erronjament ikkonkludiet li l-attur kellu l-pussess materjali tal-fond in kwistjoni. Bir-rispett kollu dan ma jistax ikun, tenut kont tal-fatti u taċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ li ħarġu mill-provi;

6.5. Illi sabiex l-azzjoni attriċi tirnexxi, l-attur kellu jipprova l-pussess materjali mhux fi żmien kwasijasi, iżda fil-mument meta ġie kommess l-allegat att turbattiv tal-pussess;

…Omissis…

6.6. Illi l-pussess materjali tal-fond in kwistjoni għadda għand l-attur permezz ta' l-iskrittura ta' lokazzjoni tas-17 ta' Marzu 1997; u għalhekk kien dan il-ftehim li jirregola l-pussess li seta' kellu l-attur…Omissis…

6.10. Illi, b'konformità ma' klawsola 14 imsemmija aktar l-fuq, l-ittra tas-27 ta' April 2000 itterminat b'effett immedjat il-ftehim tas-17 ta' Marzu 1997 u għalhekk il-pussess li l-attur setgħa kellu fuq il-Canteen in kwistjoni spiċċa fis-27 ta' April 2000;…Omissis…

6.11 Illi infatti permezz ta' l-ittra tas-27 ta' April 2000, l-attur appellat ġie avżat li b'effett immedjat ma kellux jopera l-Canteen in kwistjoni, din l-ordni l-attur appellat abbużivament u illegalment sfida lil Korporazzjoni appellanti…Omissis…

6.13. Illi ma jistax allura l-attur appellat validament isostni li ġie spussessat minn pussess li ma kellux u li ġie se mai meħud lilu leġittimament skond il-ftehim lokatizju ta' bejn il-partijiet;

…Omissis…

6.17. Illi għalhekk il-Korporazzjoni appellanti tħossha

which the plaintiff is pretending to be reintegrated in the possession of the Canteen of the Marsa Power Station…Omissis…

6.2. That it is now well established in our jurisprudence that in cases like this apart from the fact that the cause has to be instituted within two months from the act of spoliation, two elements are essential the fact of possession and the act of spoliation;

6.3. That from the elements of fact above explained, from the complex of proof produced it appears clearly that the plaintiff failed to prove the basic element of possession possedisse, the molestation of which , brings about the action of privileged spoliation and with all respect the Honourable Court of First Instance failed to consider this fatal defect, of the plaintiff's action;

6.4. That in the humble opinion of the applicant the Honourable Court wrongly concluded that the plaintiff had the material possession of the premises in question. With all respect, this cannot be, keeping in view of the particular circumstances of the cause which result from the proof;

6.5. That in order that the plaintiff's action succeeds, the plaintiff had to prove the material possession, not at any time, but at the moment when the alleged act of spoliation was committed;

…Omissis…

6.6. That the material possession of the premises in question passed on to the plaintiff by means of a lease agreement of the 17th March 1997; and thus it was this agreement which regulates the possession that the plaintiff could have had…Omissis…

6.10. That in conformity with clause 14 mentioned above, the letter of the 27th April 2000, terminated with immediate effect the agreement of the 17th March 1997 and thus the possession which the plaintiff could have had on the Canteen in question finished on the 27th April 2000,…Omissis…

6.11. That in fact by means of a letter of the 27th April 2000 the respondent plaintiff was informed that with immediate effect he should not operate the Canteen in question, the respondent plaintiff abusively and illegally challenged the appellant Corporation…Omissis…

6.13. That therefore the respondent plaintiff cannot validly uphold that he was deprived of possession which he did not have and of which he was legitimately deprived according to the lease agreement between the parties;

…Omissis…

6.17. That thus the Appellant Corporation feels aggrieved

aggravata mill-fatt li l-Ewwel Onorabbli Qorti ċaħdet l-eċċezzjonijiet tagħha li l-attur appellat ma kienx pussessur tal-Canteen in kwistjoni fil-mument meta skond hu ġie minnu spoljat. Fl-umli fehma ta' l-esponenti l-fatti tal-każ huma prova ċara ta' l-eċċezzjonijiet tal-Korporazzjoni appellanti u għalhekk kellhom jintlaqgħu.

Għaldaqstant il-Korporazzjoni esponenti, filwaqt illi tinterponi umli appell mis-sentenza tat-28 ta' Ottubru 2005, tagħmel referenza għall-provi ġa prodotti u tirriżerva li ġġib provi u tagħmel dawk is-sottomissjonijiet ulterjuri kollha neċessarji u permessi mil-liġi titlob bir-rispett illi din l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell, jogħġobha thassar u tirrevoka l-preċitata sentenza mogħtija mill-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-28 ta' Ottubru 2005, fil-kawża fl-ismijiet premessi, u minflok tilqa' l-eċċezzjonijiet tal-Korporazzjoni appellanti u konsegwentement tiċħad it-talbiet kollha attriċi bl-ispejjeż, taż-żewġ istanzi kontra l-attur appellat.

Appellanti: Korporazzjoni Enemalta, Church Wharf, Marsa.

Appellat: Emmanuel Portelli, Caterer's Office, Marsa Sports Club, Aldo Moro Street, Marsa.

Reġistru tal-Qrati Ċivili (Appelli Superjuri) illum 20 ta' Novembru 2006.

AVV. DOTT. FRANK PORTELLI, LL.D.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

of the fact that the Honourable First Court rejected its pleas in favour of the respondent plaintiff who was not a possessor of the Canteen in question at the moment which according to him he was deprived of it. In the humble opinion of the applicant the facts of the case are a clear proof of the pleas of the appellant Corporation and thus they had to be upheld.

Thus the interpellant Corporation, whilst humbly filing an appeal from the judgement of the 28th October 2005, refers to the proof already brought forward and reserves to bring proof and make all the necessary further submissions and permitted by law and prays with respect that this Honourable Court of Appeal cancels and revokes the judgement peviously mentioned by the Honourable First Hall Civil Court on the 28th October 2005, in the cause in the names premised and instead upholds the pleas of the appellant Corporation and consequently reject all the plaintiff's pleas with costs of both instances against the respondent plaintiff.

Appellant: Enemalta Corporation, Church Wharf, Marsa.

Respondent: Emmanuel Portelli, Caterer's Office, Marsa Sports Club, Aldo Moro Street, Marsa.

Registry Civil Courts (Superior Appeals) today 20th November 2006 .

ADV. DR. FRANK PORTELLI, LL.D.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1756

Ikun jaf kulħadd illi b'digriet tat-Tribunal għal Talbiet Żgħar, tad-9 ta' Ottubru 2006, ġiet ordnata l-pubblikazzjoni ta' l-estratt li jidher hawn taħt għall-finijiet ta' notifika skond l-Artikolu 187(3) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

Maltacom plc (C22334) ta' Spencer Hill, Marsa, ippreżentaw Talba fl-20 ta' April 2006, fejn talbu lit-Tribunal sabiex jikkundanna lil Christopher u Isabelle Dalli (ID37880M) u (ID299978M) rispettivament ta' 6, Chriselle, Triq il-Parroċċa Santa Marija, Birkirkara, sabiex thallsu lis-soċjetà attriċi s-somma ta' mija u tnejn u sittin lira Maltija u disgħa u għoxrin ċenteżmu (Lm162.29) liema ammont huwa dovut lis-soċjetà attriċi.

Bl-ispejjeż u bl-imgħaxijiet.

Il-kawża (371/06DC) hija differita għall-4 ta' Diċembru 2006 fin-12.30 p.m.

Reġistru tal-Qorti Maġistrati (Malta) illum 21 ta' Novembru 2006.

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

It is hereby notified that by a decree of the Small Claims Tribunal of 9th October 2006, the publication of the following extract was ordered for the purpose of service in terms of Article 187(3) of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12).

Maltacom plc (C22334) of Spencer Hill, Marsa filed a Claim on the 20th April 2006 whereby they asked the Tribunal to condemn Christopher and Isabelle Dalli (ID37880M) and (ID299978M) respectively of 6, Chriselle, Triq il-Parroċċa Santa Marija, Birkirkara, to pay the plaintiff company the sum of one hundred and sixty two Maltese liri and twenty nine cents (Lm162.29) which amount is due to the plaintiff company.

With costs and interests.

The case (Claim Number 371/06DC) is put off on the 4th December 2006 at 12.30 p.m.

Registry of the Courts of Magistrates (Malta) today 21st November 2006.

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1757

Ikun jaf kulħadd illi b'digriet tat-Tribunal għal Talbiet Żgħar, tas-16 ta' Novembru 2006, ġiet ordnata l-pubblikazzjoni ta' l-estratt li jidher hawn taħt għall-finijiet ta' notifika skond l-Artikolu 187(3) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

Maltacom plc (C22334) ta' Spencer Hill, Marsa, ippreżentaw Talba fil-25 ta' Settembru 2006, fejn talbu lit-Tribunal sabiex jikkundanna lil Q-Services Limited (C27463) ta' No. 4, Auberge San Anton, Old Railway Road, Balzan sabiex tħallas lis-soċjetà attriċi s-somma ta' mija u erbgħa u erbgħin lira Maltija u tnejn u sebgħin ċenteżmu (Lm144.72) liema ammont huwa dovut lis-soċjetà attriċi.

Bl-ispejjeż u bl-imgħaxijiet legali.

Il-kawża (828/06PBC) hija differita għat-12 ta' Diċembru 2006 fis-1.00 p.m.

Reġistru tal-Qorti Maġistrati (Malta) illum 21 ta' Novembru 2006.

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

It is hereby notified that by a decree of the Small Claims Tribunal of 16th November 2006, the publication of the following extract was ordered for the purpose of service in terms of Article 187(3) of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12).

Maltacom plc (C22334) of Spencer Hill, Marsa filed a Claim on the 25th September 2006 whereby they asked the Tribunal to condemn Q-Services Limited (C27463) of No. 4, Auberge San Anton, Old Railway Road, Balzan, to pay the plaintiff company the sum of one hundred and forty four Maltese liri and seventy two cents (Lm144.72) which amount is due to the plaintiff company.

With costs and legal interests.

The case (Claim Number 828/06PBC) is put off on the 12th December 2006 at 1.00 p.m.

Registry of the Courts of Magistrates (Malta) today 21st November 2006.

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1758

Ikun jaf kulħadd illi l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) permezz ta' digriet mogħti fid-19 ta' Ottubru 2006 ġiet ordnata l-pubblikazzjoni ta' l-estratt li jidher hawn taħt għall-finijiet ta' notifika skond l-Artikolu 187(3) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

Antonia Calleja (608353M) ta' 72, Ant Jos Nette, Triq Nuzzu, il-Ħamrun, ippreżentat talba fl-20 ta' Ġunju 2006 fejn talbet lill-Qorti sabiex tikkundanna lil Peter Grima (547681M) ta' 42, Marsa Road, Marsa, sabiex fi żmien qasir u perentorju li jiġi ffissat minn din l-Onorabbli Qorti jikkonsenja ċ-ċwievet tal-fond 42, qabel 186, Marsa Road, Marsa dan stante li assenja jew ittrasferixxa l-lokazzjoni ta' dan il-fond lil terzi persuni mingħajr il-kunsens bil-miktub tar-rikorrenti.

Bl-ispejjeż.

Ai fini ta' kompetenza l-valur lokatizzjoni ma jaċċedix il-Lm150 fis-sena.

Il-kawża (Avviż Nru 174/06JAB) hija differita għall-4 ta' Diċembru 2006 fid-9.00 a.m.

Reġistru tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) illum 21 ta' Novembru 2006.

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

It is hereby notified that by a decree of the Court of Magistrates (Malta) of the 19th October 2006, the publication of the following extract was ordered for the purpose of service in terms of Article 187(3) of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12).

Antonia Calleja (608353M) of 72, Ant Jos Nette, Triq Nuzzu, Ħamrun, filed a Claim on the 20th June 2006, whereby she asked the Court to condemn Peter Grima (547681M) of 42, Marsa Road, Marsa, in order to consign the keys of the premises 42 before 186, Marsa Road, Marsa within a short and peremptory period that shall be fixed by this Court and this because he assigned or transferred the lease of the premises to third parties without the written consent of the applicant.

With costs.

For the purpose of jurisdiction the value of the lease does not exceed Lm150 per year.

The case (Notice Number 174/06JAB) is put off to the 4th December 2006 at 9.00 a.m.

Registry of the Courts of Magistrates (Malta) today 21st November 2006.

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1759

AVVIŻ
MIR-REĠISTRU
QORTI ĊIVILI (SEZZJONI FAMILJA)

Billi r-rikorrent Joe Barbara (KI 600834M) ippreżenta rikors ġuramentat (Nru. 379/06 NC) fejn talab il-KORREZZJONI TA' L-ATT TAT-TWELID numru 982/2005 fir-Reġistru Pubbliku.

Kull min jidhirlu li għandu interess u jrid jopponi dik it-talba, b'dan l-avviż huwa msejjaħ sabiex ifisser il-fehma tiegħu, b'nota li għandha tiġi ppreżentata fir-Reġistru ta' dawn il-Qrati fi żmien ħmistax-il ġurnata mill-ħruġ ta' dan l-avviż fil-Gazzetta tal-Gvern.

Dawk illi, fiż-żmien fuq imsemmi, ikunu ppreżentaw dik in-nota, għandhom jiġu notifikati b'kopja tar-rikors ġuramentat hawn fuq imsemmi bil-ġurnata li tiġi moghtija għas-smigħ tal-kawża.

B'ordni tal-Qorti,

Reġistru tal-Qorti Superjuri,
Illum 21 ta' Novembru, 2006.

CORA AZZOPARDI
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

NOTICE
REGISTRY OF THE
CIVIL COURT (FAMILY SECTION)

Whereas the plaintiff Joe Barbara (ID 600834M) filed an application under oath (No. 379/06 NC) demanding CORRECTIONS in the ACT OF BIRTH number 982/2005 in the Public Registry.

Whosoever may have an interest therein, and wishes to oppose that demand, is hereby called upon to do so, by means of a note to be filed in the Registry of these Courts, within fifteen days from the day of the publication of this present notice in the Government Gazette.

Those who, within the aforesaid time, shall have filed such note, shall be notified by the service of a copy of the said application under oath, of the day which will be appointed for the hearing of the case.

By order of the Court,

Registry of the Superior Court,
This 21st of November, 2006.

CORA AZZOPARDI
For Registrar, Civil Courts and Tribunals

1760

Ikun jaf kulħadd illi b'digriet tat-Tribunal għal Talbiet Żgħar, tas-16 ta' Novembru 2006, ġiet ordnata l-pubblikazzjoni ta' l-estratt li jidher hawn taħt għall-finijiet ta' notifika skond l-Artikolu 187(3) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

Maltacom plc (C22334) ta' Spencer Hill, il-Marsa, ippreżentaw Talba fis-26 ta' Settembru 2006, fejn talbu lit-Tribunal sabiex jikkundanna lil Christopher Agius (ID356971M) f'ismu proprju, bħala azzjonista u għan-nom u in rappreżentanza ta' Triden Global Tours Co Ltd (C31270) ta' 18, Dawret it-Tunnara, il-Mellieħa, sabiex iħallas lis-soċjetà attriċi s-somma ta' mitejn u sittin lira Maltija u wieħed u għoxrin ċenteżmu (Lm260.21) liema ammont huwa dovut lis-soċjetà attriċi.

Bl-ispejjeż u bl-imgħaxijiet.

Il-kawża (834/06PBC) hija differita għat-12 ta' Diċembru 2006 fis-1.00 p.m.

Reġistru tal-Qorti Maġistrati (Malta) illum 21 ta' Novembru 2006.

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

It is hereby notified that by a decree of the Small Claims Tribunal of 16th November 2006, the publication of the following extract was ordered for the purpose of service in terms of Article 187(3) of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12).

Maltacom plc (C22334) of Spencer Hill, Marsa filed a Claim on the 26th September 2006 whereby they asked the Tribunal to condemn Christopher Agius (ID356971M) in his own name, as shareholder and for and on behalf of Triden Global Tours Co Ltd (C31270) of 18, Dawret it-Tunnara, Mellieħa, to pay the plaintiff company the sum of two hundred and sixty Maltese liri and twenty one cents (Lm260.21) which amount is due to the plaintiff company.

With costs and interests.

The case (Claim Number 834/06PBC) is put off on the 12th December 2006 at 1.00 p.m.

Registry of the Courts of Magistrates (Malta) today 21st November 2006.

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1761

B'dan l-Avviż ikun magħruf illi b'rikors ippreżentat fil-Qorti Ċivili (Sezzjoni Ġurisdizzjoni Volontarja) fit-30 ta' Ottubru 2006, minn Giovanna mart Carmelo Pisani, proprio et nomine, rikors numru 708/2006, fejn talbet li tiġi ddikjarata miftuħa favur tagħha u ta' ħutha Frances Cutajar, Carmen Miller u Maria Assunta Borg, ilkoll aħwa tad-decujus u dan fi kwota ta' kwart (1/4) indiviż, kull waħda minnhom is-SUĊĊESSJONI ta' Paolo Cassar, ġuvni iben il-mejtin Antonio Cassar u Giuseppa neè Abdilla, imwieled, kien joqgħod u miet Tas-Sliema, fit-22 ta' Marzu 2006, ta' 69 sena u li kellu karta ta' l-identità numru 859336(M) u li miet bla testment u għalhekk ġie ordnat il-ħruġ tal-bandu biex jiġi mgħarraf kull min jista' jkollu x'jaqsam fih.

Kull min jidhirlu li għandu interess huwa msejjaħ biex b' nota jagħmel l-oppożizzjoni tiegħu a tenur ta' l-Artikolu 537(1) et seq. tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

Reġistru tal-Qorti Ċivili (Sezzjoni ta' Ġurisdizzjoni Volontarja) illum 22 ta' Novembru 2006.

AVV. DOTT. FRANK PORTELLI, LL.D.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

It is hereby notified that by means of an application filed in the Civil Court (Voluntary Jurisdiction Section) on the 30th October 2006, by Giovanna wife of Carmelo Pisani proprio et nomine, application number 708/2006, whereby she asked that it be declared open in her favour and of her sisters Frances Cutajar, Carmen Miller and Maria Assunta Borg, all sisters of the decujus and this in the quota of one-fourth (1/4) undivided share in favour of each one of them the SUCCESSION of Paolo Cassar, bachelor son of the late Antonio Cassar and Giuseppa neè Abdilla, born and who resided and died in Sliema, on the 22nd March 2006, intestate, aged 69 and who had identity card number 859336(M) and the issuing of the bann was ordered so that any interested party be notified.

Thus whoever considers that he has an interest is called so that by means of a note he enters his opposition according to Article 537(1) et seq. of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12).

Registry of the Civil Courts (Voluntary Jurisdiction Section) today 22nd November 2006.

ADV. DR. FRANK PORTELLI, LL.D.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1762

B'dan l-Avviż ikun magħruf illi b'rikors ippreżentat fil-Qorti Ċivili (Sezzjoni ta' Ġurisdizzjoni Volontarja) fit-13 ta' Novembru 2006, minn Lorraine Cilia, rikors numru 751/2006, fejn talbet li tiġi ddikjarata miftuħa favur tagħha u dan fi kwota ta' nofs (1/2) indiviż; u favur uliedha Jim Morrison, Janice Choplin u Jerome Giuseppe, aħwa Cilia u dan fi kwota ta' sesta parti (1/6) indiviża kull wieħed u waħda minnhom is-SUĊĊESSJONI ta' żewġha Antonius sive Anthony Cilia, bin John u Maria Dolores neé Baldacchino, imwieled Ħaż-Żebbuġ, kien joqgħod Ħad-Dingli u miet Ħaż-Żebbuġ, fl-4 ta' Lulju 2005, ta' 34 sena u li kellu karta ta' l-identità numru 335082(M) li miet bla testament u għalhekk ġie ordnat il-ħruġ ta' dan il-bandu biex ikun mgħarraf kull min jista' jkollu x'jaqsam fih.

Kull min jidhirlu li għandu interess huwa msejjaħ biex b'nota jagħmel l-oppożizzjoni tiegħu a tenur ta' l-artikolu 537 (1) et seq. tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

Reġistru tal-Qorti Ċivili (Sezzjoni ta' Ġurisdizzjoni Volontarja) illum 22 ta' Novembru 2006.

AVV. DOTT. FRANK PORTELLI, LL.D.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

It is hereby notified that by means of an Application , filed, in the Civil Court (Voluntary Jurisdiction Section) on the 13th November 2006, by Lorraine Cilia, application number 751/2006, whereby she asked that it be declared open in favour of her and this in the quota of one-half (1/2) undivided share; and in favour of her children Jim Morrison, Janice Choplin and Jerome Giuseppe, brothers and sister Cilia and this in the quota of one-sixth (1/6) undivided share each one of them the SUCCESSION of her husband Antonius sive Anthony Cilia, son of John and Maria Dolores neé Baldacchino, born in Żebbuġ, who resided in Dingli and died in Żebbuġ on the 4th July 2005, intestate, aged 34 and who had identity card number 335082(M) and thus the issuing of the bann was ordered so that any interested party be notified.

Thus whoever considers that he has an interest is called so that by means of a note he enters his opposition according to Article 537(1) et seq. of the Code of Organisation and Civil Procedure (Chapter 12).

Registry of the Civil Courts (Voluntary Jurisdiction) today 22nd November 2006.

ADV. DR. FRANK PORTELLI, LL.D.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1763

Ikun jaf kulħadd illi l-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili permezz ta' digriet mogħti fl-20 ta' Settembru 2006, fl-atti tar-Rikors Numru 546/06 TM, fl-ismijiet Dr Mark Chetcuti noe vs Captain Morgan Limited et, ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika, fil-konfront ta' Anthony Muscat, a tenur ta' l-Artikolu 187(3) tal-Kap. 12.

Permezz ta' Rikors ippreżentat fil-Qorti Ċivili, fis-16 ta' Ġunju 2006, fl-ismijiet Dr Mark Chetcuti bħala mandatarju speċjali ta' Nisim Deri 107158(M) vs Captain Morgan Cruises Limited C 4151, Captain Morgan Leisure Limited C 3255, S. Mifsud and Sons Limited C 34104, Anthony Muscat eżerċenti l-kummerċ bl-isem Oki Koki Banis, ir-rikorrenti Nisim Deri espona bir-rispett u kkonferma bil-ġurament;

1. Peress illi l-attur flimkien ma' persuna oħra bbukkja Captain Morgan Round Malta Day Cruise mix-Xatt ta' Tas-Sliema, nhar l-10 ta' Lulju 2001, u dan minn gabbana operata minn ċertu Lydia. Il-biljett inħareġ minn S. Mifsud & Sons.

2. Peress illi waqt li kienu fuq il-vapur Captain Morgan, operat minn Captain Morgan Cruises Limited jew Captain Morgan Leisure Limited, l-istess Lydia li akkumpanjathom fuq il-cruise offriet optional excursion għall-għerien ta' Kemmuna u fil-fatt l-attur ħallas lill-istess Lydia għal din l-optional excursion.

3. Peress li għal din l-excursion l-attur u l-persuni li akkumpanjawh ġew trasferiti għal fuq speedboat operat mill-konvenut Anthony Muscat jew impjegat tiegħu.

4. Peress illi huma u jirritornaw mill-għerien il-konvenut Anthony Muscat b'negliġenza, imperizja, traskuraġni u nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti saq bi speed qawwi u ġie mwissi mill-passiġġieri diversi drabi biex joqgħod attent.

5. Peress li minkejja dawn it-twissijiet l-ispeedboat għaddiet minn ġo mewġa ta' dgħajsa oħra li kien għaddej tant li l-ispeed boat għoliet mill-ilma u niżlet lura b'tisbita.

…….Omissis……

8. Peress illi kaġun ta' dan l-aġir tal-konvenut Anthony Muscat, l-attur sofra danni materjali u debilità permanenti kif se jirriżulta waqt it-trattazzjoni tal-kawża.

9. Peress illi għalkemm interpellati sabiex jersqu għall-likwidazzjoni u ħlas tad-danni l-konvenuti inadempjenti.

Jgħidu għalhekk il-konvenuti jew min minnhom għaliex din il-Qorti m'għandhiex;

It is hereby notified that the First Hall Civil Court by means of a decree given on the 20th September 2006,in the records of the Application Number 546/06 TM, in the names Dr Mark Chetcuti noe vs Captain Morgan Limited et, ordered the following publication for the purpose of service of Anthony Muscat in terms of Article 187(3) of Cap. 12.

By means of an Application filed in the Civil Court, on the 16th June 2006, in the names Dr. Mark Chetcuti as special mandatary of Nisim Deri 107158(M) vs Captain Morgan Cruises Limited C 4151, Captain Morgan Leisure Limited C 3255, S. Mifsud and Sons Limited C 34104, Anthony Muscat carrying on Trade under the name Oki Koki Banis, the applicant Nisim Deri pleaded with respect and confirmed under oath;

1. Whereas the plaintiff together with another person booked Captain Morgan Round Malta Day Cruise from the Sliema Ferry, on the 10th July 2001 and this from a kiosk operated by a certain Lydia. The ticket was issued by S. Mifsud & Sons.

2.Whereas they were on the ship Captain Morgan, operated by Captain Morgan Cruises Limited or Captain Morgan Leisure Limited, the same Lydia who accompanied them on the cruise offered optional excursion to the caves in Comino and in fact the plaintiff paid the same Lydia for this optional excursion.

3. Whereas for this excursion the plaintiff and the persons who accompanied him were transferred on to a speedboat operated by the defendant Anthony Muscat or his employee.

